




# Il-Pellegrinaġġ Marjan bil-vara tal-Assunta

Iċ-ċelebrazzjonijiet taċ-ċentinarju tal-400 sena Parroċċa ġew u marru. Wara xhur sħaħ ta' preparamenti, matul is-sena 2018, il-parroċċa tagħna kellha l-grazzja li tiċċelebra dan l-anniversarju tant importanti, ċentinarju ta' fidi li tmur lura sekli sħaħ. Kienet sena fejn mhux biss il-parroċċa organizzat l-attivitajiet tagħha, imma l-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament ħasbet li tiċċelebra dan l-anniversarju bl-aqwa mod possibbli.

Minbarra ċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' Santa Marija, il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament ħasset li għandha tagħmel talba mal-Kappillan Dun Glen Buhagiar sabiex jitressaq rikors quddiem il-Kurja Arċiveskovili ħalli jsir pellegrinaġġ bil-vara ta' Santa Marija qrib l-għeluq taċ-ċentinarju tal-400 sena parroċċa. Il-Kurja laqgħet it-talba tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u dan il-

• ikompli f'paġna 10

• *ikompli minn paġna 9*

pellegrinaġġ kien skedat għall-Ħadd 28 t'Ottubru 2018.



Saru l-preparamenti kollha meħtieġa u għall-ewwel darba fl-istorja, il-vara ta' Santa Marija nħarġet proċessjonalment madwar it-toroq tal-Qrendi filgħodu. Din kienet ix-xewqa mhux biss tal-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament, imma wkoll ta' diversi nies oħra. Għalkemm il-ġurnata sebħet b'ħafna riħ, tant li l-pjazza ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali ma setgħetx tintrama kif mixtieq, il-Pellegrinaġġ Marjan kien wieħed mill-isbaħ. Intgħażlet rotta kompletament ġdida, fejn l-istatwa ta' Santa Marija saħansitra għaddiet minn toroq ġodda bħalma huma Triq iż-Żurrieq, Triq Manuel Sciberras u Triq il-Puniċi.



Minbarra l-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament, f'dan il-pellegrinaġġ ħadu sehem ukoll il-Fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju u l-Fratellanza tal-Madonna taċ-Ċintura tal-Qrendi, flimkien mal-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù u l-Fratellanza ta' Santu Rokku taż-Żurrieq.

Best Print Co. Ltd., Qrendi • Tel: 21 680 789